# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Appell Nru: 400/2015

**Il-Pulizja**

**Spettur Joseph Mercieca**

**Vs**

**Jonathan Zammit**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jonathan Zammit, detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 6686M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. F'dawn il-gzejjer, bejn il-15 ta' Mejju, 2015 u t-8 ta' Gunju, 2015, naqas milli jhares xi wahda u/jew aktar, mill-kundizzjonijiet mposti fuqu permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti Istruttorja (Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D.) datat 4 ta' Mejju, 2015, li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jidher ghal-kull att tal-process fid-data, lok u hin li jigu lilu ordnati, li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura

volontarja, li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra, bejn it-8a.m. u t-8p.m. u li jirrinkaza ruhu fl-indirizz Flat 5, Kamu Flats, Triq il-Makku, San Pawl il-Bahar bejn it-8 p.m. u s-7 a.m.;

Il-Prosekuzzjoni talbet, sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat addebitat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 4 ta' Mejju, 2015, u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi Jonathan Zammit. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' elf ewro (€1000) ddepozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u sebat elef u hames mitt Ewro (€7500) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli nhar l-4 ta' Gunju, 2015, ghall-habta tas-7 p.m. ikkommetta serq semplici ta' ghadd ta' oggetti mill-hanut Jotwan Confectionery fi Triq il-Vitorja, Birkirkara, ghad-dannu ta' Anthony Borg u jew ta' xi persuna/i u jew ta' entita u/jew entitajiet ohra;
3. Talli nhar it-22 ta' Mejju, 2015, ghall-habta tat-8.20 a.m. gewwa Misrah iz-Zebbug, Qormi, ikkommetta serq semplici aggravat bix-xorta tal-haga misruqa ta' diesel minn trakk nru KHQ006 ghad-dannu ta' Carmel Agius u Joseph Agius u jew ta' xi persuna/i u jew ta' entita' u/jew entitajiet ohra.; u
4. Talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-30 ta' Lulju, 2015, li biha wara li rat l-artikoli 49, 50, 284, 285, 289 u 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill Jonathan Zammit hati tal-akkuzi [recte: imputazzjonijiet] kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu ghal sbatax il-xahar prigunerija effettivi. Il-Qorti ordnat wkoll illi d-digriet tal-helsien mill-arrest datat erbgha (4) ta' Mejju, 2015 mill-Magistrat

Josette Demicoli LL.D. jkun revokat contrario imperio u li s-somma ta' depozitu u garanzija personali hemm imposti bhala somma globali ta' tmient elef u hames mitt ewro (€8500) jghaddu favur il-Gvern skond kif jistipola l-Artikolu 579(1)(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jonathan Zammit, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Awwissu, 2015, li permezz tieghu talab lill-din l-Onorabbli Qorti: (1) thassar is-sentenza appellata, issib lill-esponent mhux hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija; (2) alternattivament tirriforma l-istess sentenza appellata u b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tvarja l-piena ta' sbatax il-xahar prigunerjia inflitta mill-Ewwel Qorti u minflok tikkundannah ghall-piena taht l-istess Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta; (3)(i) Sussidjarjament, tnaqqas il-piena ta' sbatax il xahar prigunerija ghal wahda li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuna; (3)(ii) f'kull kaz, tirrevoka l-ordni tal-Ewwel Qorti li s-somma komplessiva ta' €8,500 depozitu u garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u miflok tinfliggi l-piena ta' multa b'applikazzjoni tal-artikolu 579(2);

Rat l-atti processwali kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-appellant u tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jikkwerela kull imputazzjoni li taghha instab hati u jibda biex jargumenta dwar l-apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti kwantu it-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti ser titratta l-aggravji fl-istess ordni maghmula fir-rikors tal-appell jigifieri t-tieni, it-tielet

imbaghad l-ewwel imputazzjoni, li jidher li kienet l-ordni segwita mill-ewwel Qorti ghal ragunijiet li din il-Qorti frankament ma tistax tifhem;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti ma tistghax ma tikkummentax dwar certi aspetti tas-sentenza appellata anke jekk dawn ma kienux sollevati mill-appellant. Fl-istezura tas-sentenza taghha, l-ewwel Qorti, wara li rriproduciet l-imputazzjonijiet mressqa mill-prosekuzzjoni, li fil-gurisprudenza huma meqjusa bhala l-fatti tal-kawza, u wara li ddikjarat li semghet ix-xhieda, ddikjarat ukoll illi rat il-fedina [*recte:* fedina penali] tal-imputat li hija wahda pjuttost refrettarja. L-ewwel Qorti ghamlet dan il-kumment dwar il-fedina penali tal-appellant qabel biss ghamlet il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatti. **Dan huwa zbaljat** ghaliex referenza ghall-fedina penali ghandu jsir dejjem ghal-fini ta' stharrig tal-piena l-aktar li tixraq ghal-kaz wara u jekk tinsab htija izda certament mhux qabel ma tikkonsidra l-fatti, u naturalment f'cirkostanzi fejn Qorti tintalab il-helsien mill-arrest, li izda mhux il-kaz odjern. Il-prezunzjoni tal-innocenza huwa pilastu fis-sistema penali u kostituzzjonali taghna u ghandu dejjem ikun applikat minghajr eccezzjoni hlief fejn tiddisponi mod iehor il-ligi;

3. Jizdied jinghad ukoll illi s-sentenza appellata tippekka ukoll meta, qabel biss ma kien hemm dikjarazzjoni ta' htija, l-ewwel Qorti ikkummentat hekk: *"Illi hija hasra kbira illi ghalkemm f'diversi okkazzjonijiet il-Qrati tawh possibilita' sabiex l-imputat jirrijabilita ruhu, dan ma hax din l-okkazzjoni u minflok ghalaq ghajnejh u kompla bil-vizzju tad-droga. Illi hu minnu li l-Qorti ghandha tkun hanina f'certi okkazjonijiet, imma meta tara li ghal hafna drabi l-imputat ma hax l-ghajnuna, hemm il-limitu ta' kemm din il-hniena tista' tiggebbed".* Il-Qorti kienet libera li taghmel din l-osservazzjoni **izda** certament mhux f'dak l-istadju tal-konsiderazzjonijiet taghha fejn jista' facilment jiftiehem li huwa konsiderazzjoni dwar il-htija. Tant illi d-dikjarazzjoni ta' htija saret wara il-kunsiderazzjoni appena citata;

4. Kwantu l-ewwel aggravju li jirrigwarda it-tieni imputazzjoni, l-appellant jargumenta illi ma kienx jirrizulta serq u ghalhekk ma setghax jinstab hati ta' hekk ghaliex il-fatti kienu jirravvizaw ir-reat ta' misappropriazzjoni. L-appellant ghandu ragun in parti fejn jghid illi ma kienx jirrizulta serq. Mill-provi akkwiziti jemergi illi l-appellant kien acceda f'hanut u informa lis-sid li kien qed jorganizza ikla ghand certu Raymond u kien ser jaghmel xirja u jerga jirritorna ghall-kumplament. L-appellant ha konsenja ta' xirja fil-valur ta' €20 bil-promessa li jirritorna u jhallas taghha u li jaghmel xirja ohra. Huwa fil-fatt irritorna wara ftit tal-hin u rega ghamel xirja, rega wieghed lis-sid li kien gej ihallas tant li kien ser ihalli l-karozza tieghu quddiem il-hanut, hareg 'l barra u sparixxa;

5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l-konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il-provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro". Issa fil-kwistjoni odjerna huwa nieqes l-element *invito domini* ghaliex kien sid il-hanut stess li ppermetta u awtorizza lill-appellant johrog l-oggetti mill-hanut, minghajr minacci jew theddid da parti tal-appellant, izda bil-promessa ta' hlas. Il-konsenja ghalhekk kienet wahda volontarja da parti tas-sid u ghalhekk ma hemmx dak li l-awturi u l-gurisprudenza jirreferu ghalih bhala t-tehid tal-pussess kontra l-volonta tas-sid;

6. Issa l-appellant jghid illi l-azzjoni tal-appellant tirravviza r-reat ta' misappropriazzjoni. Hawnhekk l-appellant mghandux ragun ghaliex ir-reat ta' appropriazzjoni indebita jirrikjedi, fost ohrajn, it-tehid tal-haga bl-obbligu tar-radd lura taghha. L-appellant ma inghatax l-oggetti bil-kundizzjoni li jroddhom lura u ghalhekk kunsiderazzjonijiet ohra in rigward ikunu inutili;

7. L-fatti kif rakkontati minn sid il-hanut huma sintomatici tar-reat ta' frodi innominata kif eccezzjonalment mfissra fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Francis Willoughby** tat-12 ta' Frar, 1999 u wisq drabi citata b'approvazzjoni minn dawn il-Qrati fosthom **Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004** u **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina 24.11.2010**:

> "Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (*Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul*, App Krim., 20/6/97; ara wkoll *Il-Pulizijz vs Danel Frendo*, App Krim., 25/3/94*).* Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (*Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis,* App Krim., 12/12/59, Vol XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll *mise en scene* - ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, *Il-Pulizija vs Carmelo Cassar Parnis,* App. Krim., 31/10/59, Vol XLIII.iv.1137; *IL-Pulizija vs Francesca Caruana ,* App Krim., 25/7/53, Vol XXXVII.iv.1127; ara wkoll *Il-Pulizija vs Giuseppe Schrainer,* App Krim., 3/3/56".

8. Fis-sentenza li ccitat il-bran appena riprodott, **Il-Pulizija vs Carmela German 30.12.2004**, il-Qorti rriteniet ukoll is-segwenti:

> "Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggini – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal-"qerq", cioe' tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-</u>

**<u>konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba</u>, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment minn naha l-ohra".**

9. L-ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx legalment issib htija fl-appellant fir-reat ta' serq u stante li l-elementi ta' dan ir-reat huma diversi minn dak tas-serq u lanqas ma hu kompriz fl-istess reat, din il-Qorti ma tistax ssibu hati anqas tar-reat ta' frodi innominat kif ravvizat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel aggravju ghalhekk ser ikun milqugh;

10. It-tieni aggravju jitratta dwar it-tielet imputazzjoni u dan ukoll jillanja s-sentenza appellata fejn din sabet lill-appellant hati ta' serq f'okkazzjoni ohra oltre dik appena konsiderata. Il-fatti dwar din l-imputazzjoni huma li sid ta' trakk kien innota li t-tank tad-diesel tat-trakk kellu pipe hiereg minnu u sejjer gewwa *jerrycan* u haseb li huh kien rega spicca minghajr diesel izda meta t-tnejn li huma marru jindagaw sabu li dik il-landa kienet qed timtela bid-diesel gej mit-tank tat-trakk kif ukoll li kien hemm taqtir ta' diesel li kien wassalhom ghall-vettura parkeggjata fil-qrib li fil-bagoll taghha sabu *jerrycan* mimlija bid-diesel u ohrajn vojta. L-ewwel Qorti sabet htija fl-appellant ghar-reat ta' serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa. Tajjeb li jkun precizat illi ghalkemm is-sentenza tirriproduci l-imputazzjoni originali fejn din tirreferi ghas-"*serq semplici aggravat*" (li guridikament huwa insostenibbli), dik l-imputazzjoni kienet korretta fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 2015 u l-ewwel Qorti naqset milli tirriproduci fis-sentenza taghha l-imputazzjoni kif korretta. Madanakollu, fl-istesura tal-fatti hareg car li l-allegat serq kien wiehed u aggravat u fis-sejbien ta' htija kienu indikati l-artikoli tal-ligi li jirravvizaw sia s-serq kif ukoll l-aggravju;

11. L-appellant jargumenta illi la darba l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fir-reat ta' serq ghaliex meta s-sidien tat-trakk intercettaw lill-appellant, hadu l-*jerrycan* minghandu u regghu battlu l-kontenut

taghha fit-tank tat-trakk. Jargumenta ukoll illi allura l-appellant kellu jkun imputat bit-tentattiv tar-reat ta' serq. L-appellant, izda mghandux ragun u dan l-aggravju ser ikun michud. Il-vettura tal-appellant kienet parkeggjata fi triq pubblika. Huwa kien irnexxielu jiehu mill-pussess tal-parti leza *jerrycan mimlija* diezel u mar iqieghdha fil-vettura tieghu. Sa dak il-hin kienu jirrizultaw l-elementi kollha tar-reat ta' serq kif elenkati fl-ewwel aggravju *supra* b'mod allura li r-reat kien ikkunsmat appena d-diesel ttiehed mill-pussess tas-sidien;

12. L-appellant imbaghad jghaddi biex iressaq l-aggravji tieghu dwar l-ewwel imputazzjoni izda dawn ser ikunu kunsidrati aktar tard ghaliex aktar huma kunsiderazzjonijiet dwar il-piena la darba fl-aggravju li jsegwi, huwa ghazel li jressaq argumenti dwar il-piz tal-prova;

13. Isegwi ghalhekk li jkun kunsidrat dan l-aggravju fejn l-appellant jargumenta illi "*hemm dubji serjissimi dwar l-applikabilita' tar-reat tas-serq kemm ghal dik li hi it-tieni imputazzjoni, kif ukoll ghat-tielet wahda*". Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti processwali kollha u ma rriskontrat ebda cirkostanza li tista' b'xi mod tqanqal xi dubju fuq il-probita' tal-provi mressqa. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

14. Lura ghall-aggravju dwar l-ewwel imputazzjoni. L-appellant ma jressaq l-ebda lanjanza dwar is-sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Huwa izda jargumenta favur varjazzjoni fil-piena stante li l-ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni li timponi piena pekunarja minflok wahda karcerarja fit-termini tal-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju huwa essenzjalment wiehed marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti u ghalhekk ser ikun trattat flimkien ma' l-ahhar aggravju intestat : **Il-piena inflitta**;

15. Dwar dan, tajjeb li *in primis* ikun affermat illi ma huwiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn

x'jiddimostra li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata. Ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015. Il-piena kominata mill-ewwel Qorti kienet pjenament fil-parametri tal-ligi u minn dan l-aspett ma hemm xejn sindakabbli minn din il-Qorti;

16. L-appellant ghamel referenza ghal-sentenzi ta' din il-Qorti fejn kien hemm akkoljiment tat-talba ghal-varjazzjoni fil-piena in omagg tal-aspett riformattiv u anke f'sitwazzjonijiet fejn il-hati kien pluri recidiv u minkejja dan inghatat l-opportunita' sabiex dak li jkun jallontana mic-ciklu ta' sentenzi karcerarji. ;

17. Tajjeb illi jinghad in rigward, izda, illi meta il-Qrati taghna akkoljew talba ghar-riforma fil-piena fl-ispirtu riformattiv tal-gustizzja kien hemm motivazzjoni li prezentat ruhha bhala *a window of opportunity*. Fil-kaz odjern, l-appellant qed jitlob klemenza ghaliex hekk gara f'kawzi ohra izda bid-dovut rigward huwa ma ressaq ebda raguni biex juri li huwa verament ta bidu ghal-mixja versu r-riforma tieghu. Dawn iz-zewg aggravji ghalhekk qed ikunu michuda izda l-Qorti ser tipprovdi ghal-temperament fil-piena la darba ma kellux jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni;

18. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni, igifieri ta' serq semplici kommess fl-4 ta' Gunju 2015; thassarha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal-terminu ta' prigunerija ta' sbatax (17)-il xahar u minflok tikkundanah ghal-terminu ta' prigunerija ta' hmistax (15)-il xahar u tikkonfermaha fil-kumplament.